***-KURA U KUSTODA TAL-ISTESS MINURI –***

***-INTERESS SUPREM TAL-ISTESS ULIED –***

- ***ART. 47 U 56 TAL- KAP 16 -***

- ***ESEKUZZJONI TA' SENTENZI BARRANIN –***

- ***ART. 826 TAL-KAP 12 –***

- ***ATT DWAR IS-SEKWESTRU U KUSTODJA TAL-MINURI –***

- ***KAP 410 -***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 6 ta' Marzu 2002**

**Kawza Numru: 32**
**Citazzjoni Numru: 231/02/RCP**

**Monique Grecula**

**vs**

**Ronald Allen Grecula**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici u l-konvenut huma mizzewgin izda huma prezentement separati minn xulxin;

U illi miz-zwieg ta' bejn il-partijiet twieldu zewgt' (2) itfal, bl-isem ta' Berenger Julian Grecula u Emilie Gigi Grecula, rispettivament ta' ghaxar (10) snin u tliet (3) snin;

U illi l-imsemmija minuri kienu jirrisjedu abitwalment gewwa l-Commonwealth ta' Pennsylvania, Stati Uniti flimkien ma' l-attrici ommhom;

U iIli permezz ta' digriet taghha tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Ottubru, elfejn (2000), wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz migjub quddiemha, il-*Court of Common Pleas of Monroe County (Forty-Third Judicial District)* iddecidiet u ordnat illi l-partijiet ikollhom kustodja legali kongjunta *(shared legal custody)* tal-imsemmija minuri, filwaqt li l-kustodja fizika primarja *(primary physical custody)* tkun fdata f'idejn l-attrici, b'modalitajiet ta' access *(partial physical custody)* favur il-konvenut [digriet anness u mmarkat bhala Dok. MG1];

U premess illi fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Novembru elfejn (2000), waqt li l-konvenut kien qieghed jezercita l-imsemmi dritt ta' access huwa abbuzivament hataf lill-imsemmija minuri u klandestinament harab bihom mill-istat ta' residenza (poster anness u mmarkat bhala Dok. MG2);

U illi bl-agir tieghu il-konvenut arbitrarjament cahhad lill-attrici mill-kustodja fizika tal-minuri li hija kienet tgawdi, filwaqt li l-istess minuri gew imcahhda mill-kura ta' ommhom;

U illi, in segwitu, permezz ta' digriet taghha tas-sitta (6) ta' Novembru, elfejn u wiehed (2001), l-imsemmija *Court of Common Pleas of Monroe County (Forty-Third Judicial District)* iddecidiet u ordnat illi tirrevoka d-digriet precedenti taghha tas-26 ta' Ottubru 2000 u tafda l-kura u kustodja esklussiva tal-imsemmija minuri f'idejn l-attrici [digriet anness u mmarkat bhala Dok. MG3];

U illi l-konvenut fil-passat uza vjolenza fizika u psikologika kemm fuq il-minuri msemmija u kif ukoll fuq l-attrici innifisha, u bl-agir tieghu ikkonferma li ma jiskruplax li juza kull mezz sabiex izomm lill-attrici mill legittimament tiehu l-kustodja ta' wliedha;

U illi l-konvenut huwa bniedem latitant mill-gustizzja u ghandu pendenti kontra tieghu numru ta' mandati ghall-arrest mahruga mill-Qrati ta' l-Istati Uniti u mill-Federal Bureau of Investigation (F.B.I.) (Dok. MG4);

U illi l-attrici saret taf illi l-konvenut qieghed f'dawn il-Gzejjer illegalment u ghandha suspetti fondati li l-konvenut jista' jahrab minn dawn il-Gzejjer flimkien mal-minuri u b'hekk

jerga' jcahhad lill-attrici mid-drittijiet taghha u jippregudika l-interessi ta' l-istess minuri;

U illi fid-dsatax (19) ta' Frar, elfejn u tnejn (2002) l-attrici talbet u ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni numru 363/2002 kontra l-konvenut sabiex izzommu milli jiehu l-msemmija minuri barra minn Malta;

U illi l-attrici ghandha interess li l-imsemmi mandat jibqa' fis-sehh sakemm il-minuri jitreggghu lura fil-kura u kustodja taghha, u dan sabiex il-konvenut jibqa' inibit milli jiehu lill-imsemmija minuri barra minn Malta ad insaputa u minkejja l-oppozizzjoni ta' l-attrici;

U illi minkejja l-isforzi tal-attrici u l-ordnijiet tal-Qorti estera msemmija l-konvenut baqa' jzomm l-imsemmija minuri f'dawn il-Gzejjer klandestinament, vjolentement u abbuzivament;

Ghaldaqstant, jghid il-konvenut ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi, bl-urgenza u bl-abbrevjazzjoni tat-termini, u prevja kull dikjarazzjoni ohra mehtiega -

1. Tafda l-kura u l-kustodja tal-imsemmija minuri Berenger Julian Grecula u Emilie Gigi Grecula f'idejn l-attrici;

2. Tawtorizza lill-attrici sabiex tirritorna lill-imsemmija minuri lejn l-iStati Uniti;

3. Tikkonferma l-ordnijiet moghtija mill-*Court of Common Pleas of Monroe County (Forty-Third Judicial District)* fis-6 ta' Novembru 2001;

4. Tordna, pendenti r-ritorn tal-minuri fil-kura u kustodja ta' l-attrici, l-estensjoni definittiva tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 363/2002 fl-ismijiet Monique Grecula vs Ronald Grecula mahrug minn din l-Onorabbli Qorti fid-19 ta' Frar 2002;

5. Taghti kull provvediment iehor opportun sabiex l-imsemmija minuri jigu ritornati taht il-kura u kustodja u kontroll effettiv ta' l-attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni numru 363/2002, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 5 sa 21 tal-process;

Rat ir-rikors bl-urgenza tal-attrici tas-27 ta’ Frar 2002 fejn talbet li l-Qorti tappunta s-smiegh bl-urgenza u d-digriet tal-Qorti tas-27 ta’ Frar 2002.

Rat ir-rikorsi tal-attrici tat-27 ta' Frar 2002

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tal-1 ta' Marzu 2002 a fol. 38 fejn gie eccepit:

(1) That, as a preliminary plea, the defendant states that he was notified with the application for provisional custody of his children Berenger Julian Grecula and Emilie Gigi Grecula on the 27th January and given just two (2) hours to reply to same – when he was in police custody in connection with passport problems; and also served with this request for urgency filed by plaintiff, and given only twelve (12) hours to reply – at a time when the Courts were closed and he was unable to file a proper reply in time for this and other reasons, where his personal liberty was restructed.

(2) That today 1st of March, 2002 the defendant was notified with the Writ of Summons only fifteen to twenty minutes before the case was scheduled for hearing; and then this Honorable Court only gave him one and a half hours to prepare and file his Statement of Defense.

(3) That in view of these unusually short timings granted him, the defendant submits that he is being placed in an unfair situation vis-a-vis the plaintiff; such that his constitutional rights have to be hereby reserved - whilst he asks due protection of this Court in the course of the case-hearing. He also pleads the right to produce witnesses.

(4) On the merits of the case, the defendant respectfully pleads that:

(i) In first instance the Court procedures in the United States shown in the Record at fol. 13 to 21 are mostly trumped up accusations and full of half-truths, delivered in the absence of defendant, and this Court cannot take it at face value.

(ii) In second instance, the Court Order of the 26th October 2000 did give primary custody to the mother, but the mother could not properly fulfil it because she has since June 1992 worked as a flight attendant (steward) and spends much more time travelling than she can give to these minor children. This has not changed, and the opposite is true of the defendant who is able to be with the children, here in Malta where he wishes to reside in the long term.

(iii) In the third instance the abduction complained of occurred because the defendant could no longer bear the immorality of the mother, and the constant provocation from the mother and her partner Manwel Mirales, who, in April 1999, when the defendant queried her about him, plantiff's reply was *"he could kill you!"*

(iv) In fourth instance the defendant could not bear to see his children, whom he dearly loves, ending up in exclusive

custody of a 'mother' who is very temperimental, liable to violent flare-ups and living with a man whose moral standards are, to defendant, highly defectionable.

(v) Fiftly, the defendant denies that he ever used violence on her except to defend himself or suffers her own violence on occasions when she pulled a knife at him, scuffed with him and screamed hysterically for no sufficient reasons. These reasons, too, concerned the defendant that neither himself nor the children were safe – anywhere in the USA – especially due to her alliance with Mirales.

(vi) Sixtly the defendant asserts that he was not living illigally on these Islands, except that at the current-last period he inadvertantly overstayed by a couple of weeks: as a result of which he was arraigned before the Magistrates Court and given two months under personal guarantee to regularize his position.

(vii) Finally, defendant intends to clear his good name with the US authorities and will be appealing the withdrawal of his regular US passport and he pleads to retain the temporary care and custody of the children unless and until the US Court Judgement of the sixth (6) November 2001, be officially enforced in Malta: something that plaintiff has not tried to do, knowing it could be difficult to obtain enforcement in a country such as Malta. Further, that he, the defendant, is a far more suitable parent to bring up the children properly, here in Malta, where they are at school,

have a home, in a safe environment – and where defendant wishes to remain and obtain a work permit for developing the technologies shown with annexed Dok RG1, 2 – see also his curriculum vitae Dok RG3.

Other pleads are reserved.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 41 u 42 tal-process.

Rat il-verbali ta’ l-1 ta’ Marzu 2002 fejn Dr. Joseph R. Pace talab zmien biex jaghmel l-eccezzjonijiet in vista li l-klijent tieghu gie notifikat madwar l-9.45am. Il-Qorti tilqa' t-talba u tipprefiggi siegha zmien lill-konvenut biex jipprezenta l-eccezzjoni tieghu. Il-kawza giet differita ghall-11.30am.

Illi meta regghet issejhet il-kawza fin-12.20pm. dehret l-attrici assistita minn Dr. Aaron Mifsud Bonnici. L-attrici ddikjarat bil-gurmanent taghha illi l-minuri dejjem ghexu l-Amerika fejn huma fil-fatt residenti u li hija residenti u domiciljata fl-Istati Uniti u behsiebha tibqa' tirrisjedi fl-Istati Uniti u tahdem bhala International Flight Attendant mal-Kumpanija Continental Airlines. F' dan l-istadju dahal il-konvenut. L-attrici tikkonferma li ilha ma tara lill-minuri mis-26 ta' Novembru 2000, u ttiehdu meta l-konvenut kien qed jezercita id-dritt tal-access. Il-konvenut iddikjara bil-gurament tieghu li jirrisjedi f' 157A, Main Street St. Julians, u li ilu joqghod f' Malta minn Jannar 2001 u li qed jahdem ma kumpanija Amerikana li ghazel li ma jidentifikax, u li

qed jaghmel ricerka hawn Malta, u li t-tfal ilhom mieghu mis-26 ta' Novembru 2000. F' dan l-istadju dahal Dr. Joseph R. Pace. Il-konvenut iddikjara wkoll li hu cittadin Amerikan u li huwa kien residenti l-Amerika u t-tfal kienu residenti tal-istess pajjjiz. Xehdu Monique Grecula u Marisa Gatt. Dr. Pace opposes to the production of this witness namely Mr. Keith Walker, Security Attache of the American Embassy Floriana, becuase in accordance with the Privacy Acts of the United States the defendant has requested that no information be released even about what is public domain, i.e. even any information including his address. Dr. Aaron Mifsud Bonnici ghall-attrici jinsisti ghall-produzzjoni tax-xhud stante illi l-att indikat mill-konvenut mhux applikabbli fil-gurisdizzjoni Maltija u fi kwalunkwe kaz ma japplikax ghall-fatti in ezami. Il-Qorti tichad l-oppozizzjoni tal-konvenut ghall-produzzjoni ta' tali xhud stante ma hijiex ibbazata fuq l-ebda disposizjoni tal-ligi Maltija apparti li hija ghal kollox intempestiva stante li l-Qorti ghadha lanqas biss taf ix-xhieda jew in-natura taghha li ha tinghata mill-istess xhud. Xehed Keith Walker. Dr. Mifsud Bonnici esebixxa 3 dokumenti u ddikjara li m' ghandux provi aktar. Xehed Ronald Allen Grecula. Il-kawza giet differita ghall-konkluzzjoni tal-provi konvenut nhar it-Tnejn 4 ta' Marzu 2002 fin-12.30pm.

Rat il-verbal tal-4 ta' Marzu 2002 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Aaron Mifsud Bonnici ghall-attrici u Dr. Joseph R. Pace ghall-konvenut. Il-partijiet prezenti. Xehdu il-konvenut u Dr. Joseph Raymond Pace. Dr. Joseph

Raymond Pace prezenta nota b'dokumenti JRP1 u JRP2 u JRP3 u jiddikjara li m'ghandux provi aktar. Dr. Aaron Mifsud Bonnici tratta l-kaz. Dr. Pace talab li jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghat it-talba u tippreffiggi terminu ta' 24 siegha minn issa s-2:15pm b'kopja lid-difensuri tal-kontroparti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-6 ta' Marzu 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi l-kawza odjerna titratta dwar talba tal-attrici sabiex hija tigi fdata l-kura u l-kustodja tal-minuri Berenger u Emilie, ulied l-kontendenti, u sabiex tirritorna l-istess minuri f'Pennsylvania, l-Istati Uniti, u sabiex tigi kkonfermata l-ordni mill-*Court of Common Pleas of Monroe County* tas-6 ta' Novembru 2001.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut kien mizzewweg qabel ma zzewweg lill-attrici u kellu tliet (3) itfal li lkoll llum huma maggoreni u jghixu fl-Istati Uniti. Huwa fil-fatt huwa cittadin Amerikan u ghex dejjem l-Amerika sakemm huwa gie Malta f'Jannar 2001.

Illi huwa kellu relazzjoni mal-attrici u zzewweg lill-attrici fit-23 ta' Frar 1991, u kellhom zewg ulied, Berenger li twieled

fl-24 ta' April 1991, u Emilie fl-20 ta' April 1998. Illi l-konjugi Grecula sseparaw de facto f'Mejju 1999 u l-konvenut ghamel applikazzjoni fil-*Court of Common Pleas of Monroe County* fl-istat ta' Pennsylvania fit-8 ta' Settembru 1999 fejn l-attrici giet temporanjament inibita milli tiehu l-minuri barra mill-gurisdizzjoni tal-Qorti pendenti is-smiegh tal-istess li kien appuntat ghat-23 ta' Settembru 1999. Illi wara tali *conciliatory conference* nghatat ordni mill-istess Qorti li l-istess konvenut ghandhu jkollu *primary physical custody* tal-istess minuri. Illi fit-13 ta' Marzu 2000 l-attrici pprezentat petizzjoni ghall-modifika tal-istess digriet, li s-smiegh taghha sar fl-24 ta' April 2000 u b'ordni datata l-1 ta' Mejju 2000 l-istess konvenut irretjena l-istatus ta' *primary custodian* tal-istess minuri u gew ordnati li jsiru *home studies and psychological evalutaions.* Illi fuq mozzjoni tal-21 ta' Awissu 2000 pprezentata mill-attrici sabiex tinstema' xhieda dwar il-kaz gie ffissat smiegh ghall-20 ta' Settembru 2000, fejn wara li l-istess Qorti semghet ix-xhieda kollha proposta quddiemha, inkluz tal-konvenut odjern li ghandhu fuq is-sittin (60) sena, u l-attrici odjerna li ghandha 32 jew 33 sena.

Illi l-istess Qorti ukoll semghet ix-xhieda ta' Dr. Azam li ezamina lill-istess minuri Berenger, li jbati minn *Attention Deficit Hyperactivity Disorder (ADHD)* li jrendu lill-istess tifel *hyperactive* li difficli li jzomm l-attenzjoni fil-klassi tant li jfixkel l-istess, u emfasizza l-importanza ta' sistema effettiva ta' dixxiplina ghall-istess minuri, li pero' giet ezercitata mill-konvenut b'mod esagerat, u wkoll ezaminat

il-*homestudies and pyschological evaluations for both parties,* minn fejn irrizulta li ma hemm l-ebda dubju li z-zewg genituri jaghtu kaz lill-uliedhom u jhobbuhom wkoll.

Illi l-istess Qorti ezaminat ukoll ix-xhieda ta' Manuel Mirales, li ghandhu relazzjoni mal-istess attrici u fil-fatt jabita maghha, u ta' Kelly Baird tal-*Pike County Children and Youth Services* li ezamnat lill-minuri Berenger wara li kienet saret allegazzjoni li l-attrici kienet tatu daqqa ta' ponn, liema allegazzjonijiet instabu li kienu infondati u invece instab li l-konvenut kien qed jimmanipula lill-minuri, u li fil-fatt l-istess konvenut kien qieghed igieghel lill-minuri jghid diversi affarijiet kontra ommu u kontra l-istess Mirales, tant li fl-opinjoni tal-istess Qorti u in vista tax-xhieda tal-istess Kelly Baird, l-istess Qorti li iddekretat id-Digriet tas-26 ta' Settembru 2000, sostniet li *"father's outrageous conduct needs no further discussion except to say that no child should be subjected to such manipulation".* Irreferiet ukoll ghal mod kif l-istess konvenut kien isawwat lill-minuri bhala procedura ta' dixxiplina inkluz li jissoggetta lill-minuri ghall-*corporeal punishment,* haga li l-istess konvenut ammetta fix-xhieda tieghu. Illi fl-ahharnett l-istess Qorti kellha opportunita li tkellem lill-istess minuri li wera ix-xewqa, skond il-Qorti mhux influwenzata mill-istess omm, li jghix ma ommu, u wara li kkunsidrat li *"the father has emotionally manipulated Berenger in an extreme fashion, to the detriment of Berenger and his relationship with both parents. Father has refused to communicate with Mother in any meaningful manner throughout the parties*

*separation, and has done all he can to hinder the relationship between Bernger and Mother. Considering all the factors concerning both parties home environments, the relationship between the parties and their children, and Berenger's stated wish during Mother's home study to live with Mother, we grant primary custody to Mother with periods of partial custody awarded to Father".*

Illi dan kollu jirrizulta mill-*"Opinion"* tal-istess Qorti Amerikana esebita f'dan il-process li b'konsegwenza tal-istess inghatat l-ordni imsemmija tas-26 ta' Ottubru 2000 mill-istess Qorti a bazi ta' liema inghatat l-ordni ta' kustodja tal-istess fejn il-partijiet inghataw *shared legal custody* tal-imsemmi minuri, fil-waqt li l-kustodja fizika primarja *Primary physical custody* tkun fdata f'idejn l-attrici bil-modailitajiet ta' access (*partial physical custody)* favur il-konvenut.

Illi dan kollhu gie riferit stante li l-istess konvenut sostna kemm-il darba li l-Qorti fl-Amerika ma taghtux cans iressaq il-kaz tieghu, u f'dan l-isfond minghajr ma din il-Qorti ma tipprova tagixxi bhala Qorti ta' revizzjoni ghad-decizjoni tal-istess Qorti estera, din l-istess Qorti tinnota li mhux biss dik l-istess Qorti tat l-opprtunita' kollha lill-konvenut sabiex iressaq il-kaz tieghu, tant li kien l-istess konvenut li anke adixxa lill-istess Qorti sabiex tiehu konjizzjoni tal-kaz, izda wkoll jirrizulta li semghet diversi xhieda, anke indipendenti mill-partijiet, u ghamlet diversi studji qabel ma hija waslet ghall-konkluzjonijiet taghha.

Illi li huwa preokkupanti fl-istess decizjoni huwa li l-istess Qorti kkundannat l-agir tal-konvenut fir-rigward tal-istess minuri fejn l-istess Qorti irreferiet ghad-dixxiplina stretta li l-istess konvenut ezercita' fuq l-istess minuri Berenger u wkoll l-mod li l-istess konvenut pprova jinfluenza lill-istess minuri kontra ommu, fejn jidher car li l-istess konvenut, sa mill-bidu ta' l-istess proceduri anke fl-Istati Uniti pprova li jelimina kull kuntatt li l-istess attrici setgha ikollha ma uliedha, tant li kien ghall dak l-iskop li huwa stess irrikorra lejn l-istess Qrati Amerikani.

Illi fit-tieni lok l-istess Qorti innutat li l-konvenut ghamel minn kollox sabiex jaqta' kull kuntatt li kellu mal-istess attrici, fis-sens li sabet li l-konvenut ghamel minn kollox sabiex ma jikkoperax mal-istess attrici anke f'dak li jirrigwarda lill-istess minuri, u dan huwa animat ukoll mill-ghira li l-istess konvenut kellu ghall-istess attrici li kellha relazzjoni ma' certu Manuel Mirales, ma min l-attrici kienet qed tghix.

Illi dan huwa kollu importanti fl-isfond ta' dak li ghamel l-konvenut wara l-istess ordni, stante li jirrizulta li l-istess konvenut kien lahaq ftehim verbali mal-attrici sabiex jiehu lill-minuri ghal *Thanksgiving weekend* fejn kien ser jiehu it-tfal ghand ohtu f'Ne Hampshire u mbaghad jattendu ghal cerimonja taz-zwieg fl-24 ta' Novembru 2000, u jirritorna lill-uliedu fis-26 ta' Novembru 2000. Illi pero' l-konvenut baqa' ma rritornax l-istess tfal lilha u wara li marret fir-residenza tieghu sabet li dan kien nehha kollox u la kien

hemmu u lanqas uliedu; giet ikkuntatjata Norma Dombrowski, il-*half sister tal-konvenut,* li sostniet li huha ma kienx invitat li jkun ghandha u lanqas kien biss mistieden ghat-tieg, u li kienet ilha ma tara lill-konvenut minn April 2000.

Illi fil-fatt jirrizulta li b'xi mod jew iehor l-istess konvenut harab bit-tfal mill-Amerika u kif xehed huwa stess gie Malta f'Jannar 2001, fejn l-ewwel abita ma' xi konnoxxenzi tieghu u wara mar jghix fil-fond mikri 157 A, Triq il-Kbira San Giljan.

Illi konsegwenti ghall dan inharget ordni datata 6 ta' Novembru 2001 mill-istess Qorti Amerikana fuq indikata fejn l-ordni ta' kustodja tas-26 ta' Ottubru 2000 giet revokata u l-kustodja legali tal-istess minuri giet fdata esklussivament f'idejn l-istess attrici, kif jidher mid-Dokument MG3 a fol. 12 tal-process.

Illi inhareg ukoll kontra l-istess konvenut mandat ta' arrest datat l-1 ta' Dicembru 2000 peress li huwa kien kkunsidrat li ghamel atti sabiex jinterferixxi mall-Kustudja tat-tfal bi ksur tal-Ligi Amerikana, wara li gie kkunsidrat li l-istess konvenut kiser ordni tal-Qorti imsemmija u ukoll harab bit-tfal mill-istess Stat Amerikan.

Illi fil-fatt inhargu avvizi, kif jidher mid-dokument "MG2" a fol. 11 tal-process minn *National Center for Missing and Exploited Children* fejn jinghad li inharget *warrant* kontra l-

konvenut minhabba *Unlawful Flight to Avoid Prosecution* kontra l-konvenut fid-19 ta' Dicembru 2000 mill-F.B.I..

Illi mill-provi prodotti f'din il-kawza jirrizulta li ma huwiex kontestat li l-konvenut mis-26 ta' Novembru 2000 hattaf it-tfal, ulied il-kontendenti, li kienu dak qabel jezercitaw l-access ghandu bi ftehim mal-attrici, u litteralment harab bihom mir-residenza tieghu, wara li huwa kien lahaq iddispona mill-effetti personali tieghu, bl-iskop li l-istess konvenut jevadi l-ordni ta' kustodja tas-26 ta' Ottubru 2000 moghtija mill-Qorti kompetenti ta' Monroe County, Pennsylvania, u li minn dak in-nhar sad-data tas-27 ta' Frar 2002, l-attrici ma ratx it-tfal taghha izjed, u ovvjamanent lanqas l-istess ulied ma raw lill-ommhom, nonostante it-tentattivi tal-attrici, b'kull mezz sabiex terga' ssib lill-istess uliedha.

Illi infatti jidher li kien biss konsegwenti ghad-digriet ta' din l-istess Qorti datat 27 ta' Frar 2002, wara r-rikors tal-attrici tal-istess data, li l-istess attrici irnexxielha terga tinghaqad mal-istess minuri, wara li rrizulta li fl-istess gurnata jidher li l-konvenut gie arrestat mill-pulizija ta' Malta, fuq akkuzi li huwa kien jinsab Malta llegalment u minghajr il-permessi necessarji, u mieghu ittiehdu l-Kwartieri Generali tal-Pulizija l-istess minuri, anke ghaliex huwa ma kellu lill-ebda familjari tieghu li setghu jiehdu hsieb l-istess minuri waqt li huwa kien hekk arrestat.

Illi din il-Qorti konfrontata b'din is-sitwazzjoni difficli fejn ghandha minuri ta' eta tenera ta' ghaxar (10) u tlett (3) snin rispettivament f'post li certament ma huwiex wiehed addattat ghat-tfal, harget ordni, wara li debitament nnotifikat lill-istess konvenut, li naqas li jirrispondi fi zmien limitat disponibbli u preskritt minn din il-Qorti, li l-istess ulied minuri jitqeghdu taht il-kura temporanja u provissorja tal-istess attrici bil-kundizzjoni li l-istess attrici tindika b'nota l-indirizz fejn kienet ser toqghod mal-istess minuri hawn Malta pendenti l-ezitu tal-proceduri hawn Malta, u fejn tobbliga ruhha li tressaq l-istess minuri ghad-disposizzjoni tal-Qorti jekk tali Qorti thoss tali bzonn fil-pendenza tal-istess, liema nota giet debitament ipprezentata mill-istess attrici datata 27 ta' Frar 2002.

Illi huwa ovvja li din il-Qorti thoss li tali post fejn il-minuri kien jinsabu fil-mument li harget id-Digriet taghha tas-27 ta' Frar 2002, u cjoe' fil-Kwatrieri Generali tal-Pulizija, ma kienx wiehed adattat ghall-istess minuri, u ghalhekk kien hemm bzonn ta' decizjoni mill-ewwel u deciza li tali minuri ma jibqghux jinzammu fl-istess post, u wkoll tenut kont tal-fatt li l-istess minuri kienu ilhom ma jaraw lill-ommhom sa minn qabel is-26 ta' Novembru 2000, li dawn jithallew kemm jista' jkun malajr jinghaqdu mal-attrici, ghaliex ma hemm l-ebda dubju li l-firda tal-istess tfal ta' dik l-eta' zghira minn ommhom ghall perjodu hekk twil ta' mhux inqas minn sena u xhar, kien immur kontra l-interess tal-istess minuri.

Illi dan apparti l-fatt li f'dak il-mument l-istess konvenut ma offra ebda alternattiva ohra valida lill-istess Qorti, tenut kont li l-istess konvenut kien huwa nnifsu taht arrest, u la f'dak il-hin u lanqas sussegwentement l-istess konvenut ma indika xi persuni ohra li setghu jiehdu hsieb l-istess tfal, u dan anke peress li huwa ma ghandhu ebda familjari prezenti Malta.

Illi fil-fatt apparti dak premess huwa wkoll ammess li l-istess konvenut kien ilu hawn Malta bl-istess tfal minn Jannar 2001, u fil-fatt minn dak iz-zmien l-hawn huwa qatt ma kkomunika ma' martu, u lanqas halla lill-uliedu li b'xi mod jikkomunikaw mal-attrici.

Illi ghalhekk jidher li nonostante l-fatt li l-istess tfal huma ghall kull effett u bon fini tal-ligi cittadini Amerikani, dawn l-istess minuri ittiehdu bil-forza mill-istess konvenut minn pajjizhom, fejn sa dak iz-zmien kienu dejjem ghexu, hlief ghall vaganzi li kienu igawdu ma' ommhom fi Franza, fejn l-attrici kienet twieldet, u ittiehdu eventwalment f'dan il-pajjiz, u b'hekk gew kostretti jaqtghu kull kuntatt li huma kellhom mad-dinja taghhom Amerikana u kull haga li din tikkomprendi, inkluz l-familjari u l-hbieb taghhom fl-Amerika, it-tip ta' hajja, l-edukazzjoni tal-istess, u mitt haga ohra, inkluz l-kuntatt li l-istess minuri necessarjament kellhom ma' ommhom.

Illi dan kollu ma huwiex kontestat mill-konvenut, li osservat u mismugh mill-Qorti fix-xhieda tieghu, jidher li ma wera l-

ebda rimors kwalunkwe ghall din it-*trauma* li huwa issoggetta lit-tfal tieghu stess ghaliha, tant li x-xhieda tieghu kienet predominata mid-disprezz li huwa ghandu ghal martu u ghall-habib taghha, fejn jidher car li huwa ma jistax jaccetta l-fatt li l-hajja mizzewga ta' bejniethom spiccat, u l-fissazzjoni tieghu li l-istess attrici qed tghix ma' din it-terza persuna, u li l-kura u l-kustodja tal-istess minuri giet fdata mill-Qrati Amerikani primarjament f'idejn l-istess attrici.

Illi l-insensitivita' tal-istess konvenut hija manifestata mill-fatt li fuq mistoqsija tal-istess Qorti huwa qal car u tond li huwa bl-ebda mod ma kkomunika mal-attrici tul dan il-perjodu kollu li l-prezenza tat-tfal kienet michuda lilha ghalkemm zied jghid li kien behsiebu jaghmel dan, tant li lanqas biss hass li kellu jinforma lill-istess attrici li almenu it-tfal jinsabu mieghu u kienu b'sahhithom, u huwa ovvju li dan ma ghamlux sabiex l-istess attrici ma tkunx tista' tirrikjama l-kura u l-kustodja tal-istess tfal. Sahansitra lanqas halla lill-uliedu li b'xi mod jikkomunikaw mal-istess attrici, tant li huwa sostna li l-istess uliedu qatt ma staqsew lanqas wahda biss ghal ommhom, haga li din il-Qorti ma thossx li hija kredibbli, tenut kont anke tax-xhieda ta' Marisa Gatt, li bhala *social worker* innutat l-komportament tat-tfal meta dawn gew regghu in kuntatt ma ommhom wara d-digriet ta' din il-Qorti, fejn espremiet is-sensazzjoni li l-istess ulied kienu qed jirreferu anke ghal terzi persuni bhala *'mum'* jew *'mummy"* proprju minhabba l-fatt li l-istess ulied gew privati ghaz-zmien twil u fic-cirkostanzi esagerat

mill-prezenza ta' ommhom fil-hajja taghhom, tant li l-istess minuri kienu *friendly* izzejjed ma' terzi persuni, anke mhux familjari ghalihom, meta dawn jigu in kuntatt maghhom.

Illi dan ikompli jikkonferma l-hsara li saret lill-ulied bl-azzjoni volontarja u bil-forza ezercitata mill-istess konvenut, li akkost ta' kollox u minghajr ebda preokkuppazzjoni ghall dawk li huma l-interessi tal-istess minuri, huwa kien determinat li ma jhallix lill-istess martu tara izjed lill-uliedu, b'mod li ghamel minn kollox sabiex jeskludi lill-attrici mill-hajja tal-istess minuri u vice versa, u kien anke preparat, kif fil-fatt ghamel li jittrasloka lill-uliedu mill-ambjenti kollha li huma kienu sa dak il-mument tal-harba kienu imrobbija fih, u jiehu lill-istess tfal f'dinja u pajjiz kompletament differenti, mbasta jilhaq l-ghanijiet kollha tieghu, animat b'disprezz assulut li huwa jhoss lejn l-istess martu u dak kollu li ghandhu x'jaqsam maghha, inkluz ix-xoghol taghha u r-relazzjoni li hija ghandha ma' Manuel Mirales.

Illi huwa ggustifika l-azzjoni tieghu peress li sostna li gol-Amerika huwa ma inghatax opportunita' li jressaq il-kaz tieghu, u anke ghaliex sostna li fl-Amerika a differenza minn Malta, kollox huwa favur il-mara, u huwa bhala missier u ragel dejjem gie impingi bhala l-aggressur, meta fil-fatt huwa kien il-vittma tal-istess sistema socjali u guridika Amerikana.

Illi pero' fl-opinjoni ta' din il-Qorti tali allegazjonijiet da parte tal-istess konvenut ma huma bl-ebda mod sostanzjati, anzi jidher li a bazi tal-provi prodotti, u specjalement lill-atti processwali tal-Qorti Amerikana esebiti f'din il-kawza fil-process attwali ta' din il-kawza, dan huwa ghal kollox kontradett mill-istess dokumenti, u bizzejjed wiehed jirreferi ghall-opinjoni ta' l-istess Qorti Amerikana qabel id-decizjoni taghha tas-26 ta' Ottubru 2000 sabiex wiehed jara b'liema mod skrupoluz u dettaljat l-istess Qorti ezaminat l-kwistjoni ta' kura u kustodja tal-istess minuri bejn il-kontendenti odjerni, u dan kemm permezz ta' xhieda, inkluza dik tal-istess partijiet fil-kawza odjerna, u wkoll permezz ta' xhieda indipendenti u esperti fil-materja, li anke ezaminaw lill-istess minuri, fejn jidher car li dak li anima lill-istess Qorti huwa proprju l-interess suprem tat-tfal u minuri f'dan il-kaz, specjalment *"the child's physical, intellectual and emotional well-being"* u fil-konsiderazzjoni tal-istess l-istess Qorti hadet in konsiderazzjoni "*the preference of the child"* u l-fatturi kollha relevanti, inkluz l-kuntatt li jigi inkorragit minn l-istess genituri fit-tfal lejn il-genitur l-iehor u vice versa, inkluz l-azzjonijiet tal-istess partijiet f'dak li ghandu x'jaqsam ma' forza fizika jew agir abbuziv fit-termini tal-Ligi Amerikana kollha immirati sabiex iwasslu ghal dak li gie definit bhala *"the child's physical, intellectual, moral and spiritual well being* which *are of the utmost importance",* b'dan li l-istess Qorti hija tenuta li tiehu in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-fatturi kollha relevanti li jistghu jaffettwaw *"the child's well-being".*

Illi kien proprju fuq dawn il-binarji li inghatat id-decizjoni tas-26 ta' Ottubru 2000 mill-Qorti Amerikana, fejn l-agir tal-istess konvenut fil-konfront tal-istess minuri gie severament censurat minhabba li nstab li l-istess konvenut ghamel minn kollox sabiex jinfluwenza lill-uliedu kontra ommhom, partikolarment lill-ibnu Berenger, li jidher li huwa facilment impressjonabbli, iktar u iktar minn missieru, li juza dixxiplina esegerata, hekk minnu ammessa quddiem din il-Qorti f'Malta, u fejn il-konvenut instab li ghamel minn kollox sabiex joskura l-isem ta' l-omm ma' wliedu stess.

Illi wara li din il-Qorti semghet lill-partijiet *in extenso* din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju dwar dan, fejn jidher li l-iskop ewlieni tal-konvenut huwa proprju li jiddiskretta lill-attrici minn kull aspett tal-persuna taghha, inkluz dak morali, socjali, matern, religjuz, u kull mod iehor immaginabbli, b'mod li jrid jeskludi lill-istess attrici b'mod mill-iktar assolut minn kull kuntatt li hija jista' jkollha ma' wliedha, tant li ghamel li ghamel, bl-intiza li jevita kull kuntatt li l-istess uliedu seta' jkollhom ma' ommhom.

Illi dan ghamlu minghajr ma ha in konsiderazzjoni l-effett li dan kollhu jista' jkollu fuq l-istess uliedu, u l-hsara kbira li huwa ikkawza lill-uliedu meta bil-forza huwa kkonstringihom li ma jarawx ghal dan iz-zmien kollu lil ommhom, u wkoll fil-kliem dispregjattiv li huwa certament qallhom fir-rigward ta' ommhom – haga li huwa kien ghamel gol-Amerika diga, meta l-attrici kien ghad kellha kuntatt ma' wliedha – u din il-Qorti thoss li sar hawn Malta,

aktar u aktar meta l-kuntatt tal-ulied mal-attrici gie b'dan il-mod fuq spjegat u kif jirrizulta mill-atti ta' din il-kawza ghal kollox interrott.

Illi jidher car li l-istess konvenut, kif gie wkoll osservat minn din il-Qorti, ma ghandhu l-ebda rimors kwalunkwe ghall dan l-agir tieghu, u ghall-hsara kollha li huwa kkawza lill-istess minuri u lill-attrici, fejn huwa ittenta ikisser kull legami li kien jezisti bejn l-istess omm u wliedha. Anzi jidher li l-istess konvenut huwa deciz fl-azzjonijiet tieghu, u akkost ta' kollox lest li jaghmel dak necessarju sabiex l-attrici tigi mizuma milli tinghaqad ma' wliedha.

Illi fil-fatt jista' jinghad li l-istess konvenut huwa sa certu punt ossessjonat f'dan l-agir u kors ta' azzjoni, u kull min jipprova jiddiswadih minn dan il-kors ta' azzjoni huwa kkunsidrat f'ghajnejn l-istess konvenut, bhala pregudikat kontrih, tant li dan kien ir-rispons tieghu ghad-decizjoni tal-Qorti Amerikana, nonostante li kien huwa stess li adixxa diversi drabi lill-istess Qorti sabiex tiehu l-provedimenti opportuni dwar il-kura u l-kustodja tal-istess minuri. Illi fil-fatt jirrizulta li dment li d-decizjoni kienet favur tieghu, mela allura kollox kien sew, pero' meta tali decizjoni tbiddlet, minhabba l-agir proprju tal-istess konvenut, kif deskritt mill-istess Qorti Amerikana fl-istess opinjoni elaborata li fuqha hija bbazata l-ordni kollha tas-26 ta' Ottubru 2000, huwa attakka lill-istess Qorti Amerikana, u is-sistema kollha Amerika, u sahansitra id-difensur ta' fiducja tieghu, u pprezenta ruhhu quddiem din il-Qorti bhala l-vittma u li

kulhadd fl-Amerika huwa kontra tieghu, haga li ma ghandha assolutament l-ebda bazi mill-provi processwali esebiti u migjuba quddiem din il-Qorti.

Illi dan it-tip ta' agir huwa wkoll ibbazat mill-fatt li gie nnuttat minn din il-Qorti, u jirrizulta lill-istess Qorti mix-xhieda tal-konvenut innifsu, li l-konvenut lest li jaghti gudizzju fuq kulhadd, inkluz martu, il-habib taghha, is-sistema legali u guridika Amerikana, is-sistema guridika Maltija, il-pulizija Maltija, lill-uliedu, is-sistema edukattiva, socjali u religjuza Amerikana, lis-*social worker* li xehdet f'din il-kawza, u lil kull persuna ohra li turi li b'xi mod ma taqbilx mal-intenzjonijiet tal-konvenut, pero' mill-banda l-ohra huwa ma huwiex lest, lanqas ghall mument wiehed sabiex jaghmel ezami tal-agir tieghu, anke jekk dan ikun ta' hsara ghall uliedu stess, tant li jidher car li mhux biss il-konvenut ma iddispjacihx bl-ebda mod ghall-hsara kollha u tbaghtijiet li kkawza lill-uliedu, mhux biss ghaliex firidhom abbuzivament u bil-forza minn ommhom, izda anke meta litteralment traslokhom mill-ambjenti naturali taghhom u tefahom litteralment f'dinja ohra kompletament estraneja ghalihom f'dan il-pajjiz, maqtughin minn kull kuntatt li huma kienu lahqu stabbilew fil-hajja qasira taghhom, u b'hekk ghamilhom dipendenti ghall kollox fuqu. Fil-fatt jidher li din hija l-missjoni unika tieghu u dan fl-opinjoni rrendi lill-istess konvenut bhala bniedem perikoluz aktar u aktar ghal uliedu, u mhux persuna li ghandha tigi fdata, peress li jidher li l-istess konvenut ma jipprovax lanqas minimament jikkontrolla b'xi mod l-agir tieghu u ghalhekk certament li

fuq dawn ir-rizultanzi u l-osservazzjonijiet din il-Qorti ma thossx li huwa fl-interess tal-minuri li l-kura u l-kustodja tal-istess minuri tigi fdata f'idejn l-istess konvenut.

Illi fil-fatt din il-Qorti qeghda timxi fuq il-massima li f'kawzi ta' kura u kustodja tal-ulied l-interess tal-minuri huwa dak suprem u dan huwa bbazat fuq dak li jistipula l-**Artikolu 47 tal-Kap 12** li jipprovdi li *l-Qorti ghandha taghti dawk l-ordinijiet dwar min jiehu hsieb it-tfal kif jidhrilha xieraq, u meta tkun qed taghmel hekk ghandha tqis bhala l-aktar konsiderazzjoni importanti l-gid ta' l-ulied".* Illi dan japplika mhux biss waqt l-proceduri ta' separazzjoni bejn l-istess genituri izda sahanistra anke wara li tinghata is-sentenza tal-firda ai termini tal-**Artikolu 56 tal-Kap 12** tant li kollox huwa immirat sabiex jigi sodisfatt l-istess *interess tal-ulied.*

Illi fil-fatt dawn il-konsiderazzjonijiet gew imfissra fil-kawza fl-ismijiet **"Sylvia Melfi vs Philip Vassallo"(App. 25/11/98) fejn** il-Qorti qalet :-

*"In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child. In its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child."*

*"The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often*

*serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child."*

Inoltre' wiehed jirreferi ghall dak li sostniet din il-Qorti kif presjeduta fid-decizjoni taghha fil-kaz fl-ismijiet **"Alfred Brincat vs Josianne Brincat" (**P.A. (RCP) 16 ta'Jannar 2002) fejn la darba l-konvenut qed isostni li ma huwiex fl-interess tal-istess minuri li l-kura u l-kustodja tigi fdata f'idejn l-attrici huwa ghandu wkoll l-oneru li jipprova dak minnu allegat u cjoe' li tali akkoljiment tat-talba attrici tkun ta' perikolu ghall-istess minuri. Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan il-konvenut ma ippruvahx bl-ebda mod, ghaliex il-fatt minnhu allegat li l-istess attrici ghanda xoghol ta' *flight attendant* ma kumpanija tal-ajru, u allura tkun nieqsa mir-residenza taghha minhabba proprju dan ix-xoghol ma jrendix fih innifsu lill-attrici bhala il-persuna mhux idoneja sabiex tiehu kura tal-istess minuri dment li jsiru l-arrangament necessarji sabiex l-istess ulied ikun ben protetti u stabbli, haga li l-istess attrici jidher li dejjem irnexxielha taghmel, u fil-fatt ma giet ippruvata lanqas f'cirkostanza wahda ebda allegazjoni li b'xi mod l-istess

minuri gew ippregudikati jew li gew b'xi mod abbandunati jew *neglected* mill-istess attrici

Illi fil-fatt jidher li l-attrici dejjem pprovdiet lill-istess uliedha b'hajja stabbli, post fejn jghixu, pprovdiet ghall-edukazzjoni u rekrejazzjoni taghhom u dejjem sostniethom, tant li ghandha impjieg fiss bi dhul altru minn dicenti li jista' jkopri sew l-htiegijiet u bzonnijiet tal-istess ulied, fl-ambjent taghhom Amerikan, ghalkemm peress li l-attrici twieldet Franza, u l-minuri kemm-il darba ittiehdu fl-istess pajjiz, l-ambjent Franciz lanqas huwa aljen ghall-istess minuri, li huma fil-fatt *bi-lingual* u jitkellmu kemm bl-Amerikan u kemm bil-Franciz, kif hekk jidher li gew imrobbija mill-bidu nett.

Illi min-naha l-ohra ghalkemm saru diversi allegazzjonijiet dwar l-kompetenza u l-kwalifiki tal-istess konvenut bhala kunsulent fl-*Advanced Engines & Power Systems,* u ic-c.v. tieghu kif minnhu esebit jista' wkoll jitqies bhala impressjonanti, anke minn l-ghajn mhux esperta fl-istess materja ta' din il-Qorti, xorta jibqa' l-fatt li nonostante li l-istess konvenut sostna li ghandhu diversi progetti, li jistghu wkoll ikunu veru, ma ingabet ebda prova kwalunkwe li xi wiehed mill-progetti minnu indikat fil-fatt immaterjalizza. Anzi mill-provi prodotti jidher li fil-fatt kollox ghadu in arja, u saru biss diversi kontatti ghall possibilita' ta' finanzjament tal-istess progetti, li l-ebda wiehed ghadu ma gie konkluz.

Illi fil-fatt l-istess konvenut naqas li jipprova li huwa ghandu xi forma ta' impjieg jew introjtu hawn Malta, u fil-fatt ma gie esebit minnu ebda dokument sabiex b'xi mod issostni it-tezi tieghu li huwa ghandu mezzi serji ta' introjtu sabiex isostni lilu innifsu f'dawn il-Gzejjer, anzi f'mument minnhom waqt li mistoqsi mill-Qorti lanqas ried jikxef l-identita' ta' kumpanija li allegata kien adett maghha bhala konsulent fil-materja li jippretendi li huwa specjalizzat taghha. Fil-fatt fil-proceduri quddiem il-Qorti Amerikana huwa gie indikat bhala *unemployed,* u fil-fatt din il-Qorti abbazi tal-provi quddiema migjuba, ikollha tasal ghall-istess konkluzzjoni, stante li bl-ebda mod ma gie pruvat li l-istess konvenut huwa b'xi mod impjegat hawn Malta jew qed iddahhal xi paga jew fondi minn x'imkien ghall xoghol li qed jallega li qed jaghmel. Fil-fatt it-testiminjanza tal-istess konvenut u x-xhieda minnhu prodotti hija f'dan ir-rigward ghal kollox neboluza u mimlija misteri, li certament ma jistghux jwasslu ghall-konvinciment ta' din il-Qorti li l-istess konvenut huwa b'xi mod *gainfully employed* u li ghandu l-mezzi sabiex imantni lilu innifsu hawn Malta, ahseb u ara lill-uliedu.

Illi fil-fatt jidher li mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-istess konvenut ghandu xi legami ma Malta, apparti xi hbieb u / jew kuntatti fuq livell professjonali li huwa jidher li ghandu, u certament ma jidhirx mill-provi li huwa ghandu cittadinanza Maltija izda biss dik Amerikana, kif di piu` huma l-istess ulied. Illi fil-fatt l-istatus tieghu Malta huwa wiehed neboluz, tant li pendenti hemm proceduri kriminali kontra tieghu proprju dwar l-istat tal-prezenza tieghu Malta

li fil-fatt ghadu *sub judice*; pero' min-naha l-ohra l-konvenut naqas li jipprova b'xi mod inkluz bid-dokumenti relattivi li l-prezenza tieghu f'Malta hija wahda skond il-ligi, u lanqas gie ppruvat li l-istess konvenut ghandu xi permess sabiex jahdem jew jaghmel xi attivita' jew progett f'Malta la f'ismu proprju jew ghan-nom ta' xi socjeta'li huwa jifforma parti minnha.

Illi dan irendi s-sitwazzjoni tal-istess konvenut f'dan il-pajjiz minnha innifisha prekarja u certament f'dawn ic-cirkostanzi ma jistax jinghad li jkun konsiljabbli li l-kura u l-kustodja tal-minuri tigi fdata f'idejn persuna li l-istatus tieghu f'dawn il-Gzejjer huwa fl-ahjar ipotesi prekarju, minghajr ebda fond cert ta' impjieg jew introjtu, u dan anke jekk jinjora ghall-mument dak kollu li gie fuq stabilit dwar il-mod kif l-istess konvenut hataf lil uliedu u gabhom hawn Malta ma' liema pajjiz l-istess ulied ma ghandhom ebda konnessjoni, hlief dik sfurzata minn missierhom.

Illi f'dan il-kuntest wiehed tajjeb ifakkar li hemm diversi mistoqsijiet li baqghu mhux imwiegba mill-konvenut dwar kif fil-fatt irnexxielhu jmantni it-tfal tieghu Malta, pero' jidher li l-istess tfal qed jintbaghtu skola primarja f'Malta fejn it-taghlim huwa bil-Malti u l-istess tfal ma jattendux ghall-lezjonijiet ta' religjon, kemm minhabba l-fatt li l-istess konvenut ma huwiex kattoliku, u kemm minhabba l-fatt li tali lezzjonijiet isiru bil-Malti, u ovvjament ma jattendux ukoll ghall-lezzjonijiet tal-Malti.

Illi fil-fatt mill-provi prodotti jirrizulta ukoll li qabel ma l-istess konvenut hataf lill-minuri u hareg bihom barra mill-Amerika, huwa kien ilu jistudja din il-possibilita' u fil-fatt ippjana kollox, fejn l-ewwel beda billi beda jara liema huma dawk il-pajjizi li ma ghandhomx trattat ta' estradizzjoni mal-Istat Uniti, u wara identifika lill-Costa Rica u lill-Malta, bhala pajjizi li potenzjalment jistghu jkunu *safe* sabiex huwa ma jkunx kostrett jirritorna lejn pajjizu flimkien ma uliedu, u dan jirrizulta mill-korrispondenza tal-istess konvenut esebita f'din il-kawza; wara l-istess konvenut iddecieda li jigi Malta, u qabel biegh kollox li kellu l-Amerika almenu fil-post fejn kien qabel jirresjedi u wara li holoq storja sabiex l-attrici tikkoncedilu li jiehu l-tfal ghall-*thanksgiving weekend* huwa harab mill-Istati Uniti sakemm gie Malta f'Jannar 2001 fejn ghadu hawn sallum. Dan il-pjan sar wara li l-istess konvenut tilef il-kustodja primarja tal-istess uliedu b'decizjoni tal-Qorti fuq riferita, proprju minhabba l-agir tieghu abbusiv fil-konfront tal-istess minuri, fejn jidher car li huwa ipprova b'kull mod jinfluwenza li jimmanipula lill-istess uliedhu kontra ommhom, u tenut kont ta' l-eta' tenera tal-istess minuri illum ta' 10 u 3 snin rispettivament, dan huwa att mill-aktar serju tenut kont tal-fatt li bhala genitur huwa ghandu ir-responsabilita' li jevita li jsiru dawn il-hwejjeg lill-minuri, li f'dan il-kaz u proprju ghaliex huma zghar hafna u huwa huwa missierhom, ma ghandhom ebda forma ta' difiza ghall-istess agir ta' missierhom stess. Anzi din il-Qorti thoss li bl-agir tieghu – li kompla wkoll hawn Malta, tant li impedixxa lill-istess minuri li jkollhom kwalunkwe kuntatt ta' ommhom – l-istess konvenut huwa

ta' hsara u perikolu ghall-istess minuri u kull acess li jista' l-quddiem jigi moghti lill-konvenut ghandu jkun certament ghall futur immedjat taht supervizjoni.

Illi dan qed jinghad anke fl-isfond tad-disprezz palez li l-istess konvenut ghandhu lejn martu u sehibha, u jidher li ma jistax jaccetta l-fatt li r-relazzjoni ma' martu spiccat, u li din illum ghandha relazzjoni ma' terza persuna, li qajjmet fih kwistjonijiet morali in vista tal-fatt li dawn kienu qed jghixu flimkien, haga li ma jidhirx li tqajjmet minnhu meta huwa iltaqa' l-ewwel darba mal-attrici fi Franza, tant li jidher li it-tifel kien koncepit qabel l-istess zwieg mal-attrici, tant it-tifel twieled ftit xhur biss wara z-zwieg tal-kontendenti.

Illi ghalhekk abbazi tal-principji fuq enuncjati li jirregolaw l-kura u l-kustodja ta' minuri f'Malta jidher din il-Qorti ghandha dejjem thares l-lejn l-interess suprem tal-istess minuri, liema interess huwa dejjem superjuri ghal dak ukoll sekondarju tal-partijiet fil-kawza u cjoe' il-genituri tal-istess tant li tali principju gie indikat bhala *il-paramountancy principle* fil-kaz ingliz "J vs C" (HL 1969) minn Lord McDermott iccitat fil-kawza **"Marisa Josephine Shafiquzzaman vs Syed Shaffiquzzam"** (P.A. (N.A.) 31 ta' Mejju 1999).

Illi l-istess gie ritenut fis-sentenza riportata **"A vs B"** (P.A. GC. 19 ta' Awissu 1998 – LXXXII.iii.243) fejn inghad li:-

*"In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child. In its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child. The Court refers to a judgement of the Honourable Court of Appeal in the names* ***"Leslie Anne Pace vs Joseph Pace"*** *decided on the 27 th March, 1998".*

Illi dawn il-principji gew dejjem ikkonfermati f'diversi sentenzi Maltin fosthom **"A vs B"** (A.C. 15 ta' Dicembru 1997 – LXXXI.ii. 956) u **"Ronald Apap vs Ruby Ritchie pro et noe"** (A.C. 27 ta' Ottubru 1995 – LXXIX.ii. 624) fejn gie stabilit ukoll l-principju li fl-*"ahhar mill-ahhar hija biss il-Qorti li hi l-arbitru finali ta' x'inhu l-interess tal-minuti u kull direzzjoni taghha trid tkun ezaminata minn din l-ottika u hekk motivata".* Tal-istess portata hija s-sentenza **"L-Avukat Dr. Stephen Thake nomine vs Joseph Portelli"** (A.C. GMB. 4 ta' Novembru 1994 – LXXVIII.ii.338)

Illi dan huwa principju fondamentali stante li din l-Qorti huwa dak li fil-fatt qeghda tezamina u wara dan kollox huwa sekondarju tant li gie ritenut li *gie ritenut li " the conduct of the parent is only relevant to the extent that it affects parenting capacity, the child's relationship with the parent, his or her safety or development. Doing justice between the parents, or the notion that parents have rights over their children, has been said to play no part in the*

*application of the welfare test".* **"Princiles of Family Law" - S. M.; Cretney and J. M. Masson –** pg 719).

Illi dan gie kkonfermat fis-sentenza **"Jurgen Sixt vs Rosemarie Sixt"** (A.C. (JSP) 3 ta' Marzu 1999) fejn inghad li:-

*"The Court has repeatedly stated that in matters of custody and access to children, the primary consideration is not the wishes of the parents but the welfare and best interests of the child".*

Illi f'opinjoni ta' din il-Qorti dan fil-fatt huwa l-perm tal-problema kollha dwar din il-kustodja u kura tal-istess minuri, u d-distinzjoni hija netta u cara bejn l-interess tal-minuri u dak li l-partijiet jistghu jippretendu li huma d-drittijiet taghhom verso l-istess minuri. Dak li din il-Qorti qed tistharreg huwa l-gid tal-istess minuri u li huma jitrabbew b'sahhithom, f'ambjent familjari u naturali kemm jista' jkun, u jinghataw fibra u edukazzjoni fuq l-aspetti kollha tal-hajja inkluzi dawk morali religjuzi, edukattivi, socjali, fizici f'ambjent stabbli, tenut kont tal-post fejn twieldu u fejn trabbew. Ir-rwol tal-genitur hija mahluqa sabiex iservi ghall dan l-iskop dejjem immirat ghad-direzzjoni alturista ghall gid tal-istess minuri, stante li dawn huma l-genituri u cittadini ta' ghada, u fdati f'idejn il-genituri proprju minhabba l-fragilita' taghhom u l-innocenza taghhom, u ghalhekk l-interess tal-istat huwa ezatt dak li jipproteggi l-trobbija sew tal-istess minuri, u f'dan il-kuntest

il-genituri jista' jinghad li ghandhom responsablitajiet lejn l-istess minuri milli drittijiet.

Illi l-agir tal-istess genitur jidhol fil-kuntest ta' gid tal-minuri jekk tali disposizzjoni tkun tista' taffetwa posittivament jew negattivament l-istat fiziku u morali tal-istess ulied, u jekk dan ikun fil-posittiv ghandu jigi nkoraggit, u jekk huwa fin-negattiv, ovvjament ghandu jigi mwaqqaf ghaliex ikun qed jaghmel hsara lill-istess minuri.

Illi f'dan l-isfond din il-Qorti thoss li l-agir tal-konvenut fil-konfront tal-istess minuri huwa dannuz ghall-ahhar fil-konfront tal-istess, mhux tant ghaliex l-istess atti u mod ta' azjoni tal-konvenut huma kundannabbli fihom infishom, izda ghaliex l-istess agir kkreja pressjoni kbira fuq l-istess minuri li bil-forza u arbitrarjament gew michuda mhux biss minn ommhom u minn dak kollu li sa mill-mument tat-twelid taghhom kienet id-dinja taghhom, b'dan li bhala pjanta gew maqlugha bl-gheruq b'kollox minn fejn kienu imhawwla u litteralment mehuda f'post iehor kompletament aljen ghas-sistema li jkunu mrobbija fiha, tant li huma estranji f'art u ambjenti strambi ghalihom, u dan kapriccjosament u aktar gravi minn persuna bhal missierhom, li suppost huwa stess ghandu l-obbligu li jevita li dan isir.

Illi dan huwa aggravat mill-fatt li l-istess konvenut ghamel minn kollox sabiex jinfluwenza lill-uliedu kontra ommhom, u dan baqa' jinsisti fuqu anke billi elemina kull kuntatt li l-istess ulied seta' kellhom ma' ommhom, u hekk kien ser

ikompli jaghmel kieku ma giex skopert fejn qed joqghod, pajjiz li laqghu, u fejn pero' l-istess minuri ma kellhom ebda kuntatt u l-ebda konoxxenzi, haga li certament kellhom f'pajjizhom. Dan biex ma nghidu xejn dwar l-ambjent ghal kollox differenti li necessarjament l-istess minuri sabu hawn Malta, li akkoljenti kemm huwa akkoljenti, xorta huwa differenti mill-ambjent ta' pajjizhom, u dan jinkludi anke is-sistema ta' edukazzjoni u tahrig tal-istess.

Illi din il-Qorti tenfasizza l-prekawzjjoni taghha ghall atti kollha arbitrarji kommessi mill-istess konvenut fir-rigward ta' uliedu, u wkoll l-fatt, li gie indentifikat mill-istess Qorti Amerikana, li l-istess konvenut sa mill-bidu tal-ksur tar-relazzjoni mal-attrici, ghamel minn kollox sabiex ma jikkoperax mal-attrici lanqas f'dak li ghandhu x'jaqsam l-interess biss u l-gid tal-istess minuri, u dan jirrendi l-pozizzjoni tal-konvenut hafna aktar perikoluza, tenut kont tal-fatt li minn nuqqas ta' ko-operazzjoni f'decizjonijiet li jaffettwaw lill-minuri, l-istess konvenut b'azzjoniijiet mahsuba u premeditati ghadda biex jipprova jaqta' kull legami bejn l-istess minuri u ommhom stess u id-dinja intiera li kienu l-istess minuri qed jghixu fiha.

Illi tant jidher li l-konvenut huwa deciz f'dan l-agir tieghu, li din il-Qorti thoss li ma hemm ebda ostakolu li l-konvenut anke fil-futur ma jergax jaghmel l-istess u dan anke peress li l-istess konvenut, anke quddiem din l-Qorti wera li huwa determinat li jsostni l-pozizzjoni tieghu, anke meta huwa konxju ta' dak li huwa ghamel illegalament fil-konfront tal-

istess minuri, u anke in vista tal-fatt li l-permanenza tieghu Malta u l-ghixien tieghu fl-istess pajjiz ma jistax jinghad li huwa stabbli, anzi din il-Qorti thoss li huwa prekarju ghall-ahhar, u certament li dan jimmilita kontra n-necessita' tal-element ta' stabbilita' fit-trobbija li l-minuri tant ghandhom bzonn.

Illi jidher li huwa proprju taht dawn il-principji li l-Qorti Amerikana fis-sentenza taghha ibbazat id-decizjoni taghha, decizjoni li hija motivata sew mir-rizultanzi minnha misjuba, u li huma iktar ikkonfermati minn din il-Qorti, ghaliex mill-intenzjoni l-istess konvenut ghadda ghall-fatti, u l-biza espressa fl-istess konsiderazzjonijiet tal-Qorti Amerikana gew tradotti b'fatti quddiem din il-Qorti, li kellha l-isfortuna li jkollha tisma' kaz bhal dan, li minnhu ma jistax jkun hemm, minhabba l-agir tal-konvenut, xejn hlief hsara lejn l-istess minuri.

Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti dehrilha li huwa fl-interess tal-istess minuri li tali kawza tigi trattata bl-urgenza, u hekk fil-fatt qed tigi deciza, stante li huwa importanti fl-interess tal-istess minuri li kemm jista' jkun maljar tali pendenza tigi rizolta, tenut kont tal-*fatti specie* partikolari u serji tal-kaz in ezami, u wkoll tal-fatt li kull applikazzjoni jew kawza dwar l-kura u l-kustodja tal-minuri, proprju minhabba l-interess tal-istess minuri, hija minna nnfisha urgenti, aktar u aktar f'dan il-kaz, li jittratta dwar htief illegali ta' minuri barra minn pajjizhom. **("Jurgen Sixt vs Rosemarie Sixt" –** A.C. 3 ta' Marzu 1999)

Illi nonostante l-istess urgenza din il-Qorti tat l-fakoltajiet kollha lill-konvenut sabiex iressaq il-kaz tieghu u anke ix-xhieda tieghu, daqs kemm tat lill-attrici, u dan jidher mid-difiza li ghamel l-istess konvenut ghac-citazjoni attrici, u jekk irrinunzja ghall produzzjoni ta' xi xhieda minnu indikati, din kienet xelta tieghu, ghaliex kellhu l-opportunita' kollha sabiex iharrek l-istess, li fil-fatt ghazel li ma jaghmilx, tant li l-uniki atti li prezenta mill-bidu tal-kawza l-hawn kienu nota ta' eccezzjonijiet u nota ta' osservazjonijiet estensivi, u wkoll att ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, u certament li kif prezenta tali atti seta' ipprezenta atti ohra, li dejjem din il-Qorti taghtu opportunita' li jaghmel.

Illi l-attrici talbet ukoll li tigi kkonfermata l-ordni mill-*Court of Common Pleas of Monroe County (Fort-Third Judicial District)* fis-6 ta' Novembru 2001, u thoss li kif formuta l-istess talba din ma hijiex talba sabiex tali ordni *ut sic* tigi resa esegwibbli ai termini tal-**artikolu 826 tal-Kap 12,** li ghalih jirreferu l-principji annuncjati fis-sentenza **"Marion Ruth Satchell vs Peter Paul Angelo Camilleri"** (Q.M.S. (Ghawdex) (M.M.) tas-17 ta'Mejju 2000, u ghalhekk din il-Qorti tilqa' biss it-talba mhux in kwantu hija ordni naxxenti mill-istess Qorti, izda biss konsistenti ghall-ewwel talba tac-citazzjoni attrici li l-kura u l-kustodja tal-istess minuri ghandha tigi fdata esklussivament f'idejn l-attrici.

Illi din il-Qorti lanqas thoss il-bzonn li tidhol biex tezamina l-**Kap 410** tal-Ligijiet ta' Malta stante li stante li fir-rigward

taz-zewg pajjizi involuti f'dan il-kaz, ma jidhirx li dak provdut fl-**artikolu 4 tal-istess Kap 410** dan gie sodisfatt, u ghalhekk l-istess ligi ma tistax tigi applikata bil-procedura hemm indikata.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut bhala infondati fil-fatt u fid-dritt, u filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba' (4) u hames (5) talba stante li fl-ewwel lok jirrizulta li l-istess minuri gja jinsabu fil-kura u kustodja effettiva tal-istess attrici in virtu' tad-Digriet ta' din il-Qorti datat 27 ta' Frar 2002, u fit-tieni lok ma jidhirx li hemm provedimenti ohra x'jistghu jittiehdu fil-kuntest tat-talbiet attrici kif qed jigu milqugha, u **tilqa' it-talbiet attrici** biss limitatament ghal dak hawn indikat:-

1. Tafda l-kura u l-kustodja tal-imsemmija minuri Berenger Julian Grecula u Emilie Gigi Grecula f'idejn l-attrici;

2. Tawtorizza lill-attrici sabiex tirritorna lill-imsemmija minuri lejn l-iStati Uniti;

3. Tikkonferma l-ordnijiet moghtija mill-Court of Common Pleas of Monroe County (Forty-Third Judicial District) fis-6 ta' Novembru 2001 biss fis-sens li l-kura u l-kustodja tal-imsemmija minuri Berenger Julian Grecula u

Emilie Gigi Grecula tigi fdata f'idejn l-attrici skond kif gie deciz f'din l-ewwel talba tac-citazzjoni attrici;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni numru 363/2002, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**6 ta' Marzu, 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur.**
**6 ta' Marzu, 2002**